

Paġna Ewlenija > ... > Drittijietek > Il-Vittmi Ta' Delitti (għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiesser Ukoll Tal-kriminalità)
> Kumpens > Jekk It-talba Tiegħi (minn Pajjiż Ieħor) Se Titqies F'dan Il-pajjiż > Belgium

Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn
Belġju



Belġju

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talba għall-kumpens f'każijiet transfruntiera?

(a) Il-Kummissjoni għall-assistenza finanzjarja lill-vittmi ta' atti ta' vjolenza intenzjonali (*Commission pour l'aide financière aux victimes d'actes intentionnels de violence*) tista' tgħin lill-vittmi li jkunu ċittadini Belġjani jew residenti tal-Belġju biex jiksbu kumpens f'pajjiż ieħor tal-UE.

Indirizz:

Commission pour l'aide financière aux victimes d'actes intentionnels de violence
SPF Justice
Boulevard de Waterloo 115
1000 BRUXELLES

(b) Għall-każijiet ta' vittmi ta' terroriżmu, jeħtieġ li tiġi kkuntattjata t-Taqsima tat-Terroriżmu tal-Kummissjoni.

Indirizz postali:

Commission pour l'aide financière aux victimes d'actes intentionnels de violence - Division Terrorisme
SPF Justice
Boulevard de Waterloo 115
1000 BRUXELLES
Indirizz tal-Email: terrorvictims@just.fgov.be

Nista' nibgħat it-talba tiegħi direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dan il-pajjiż anke f'każijiet transfruntiera (mingħajr ma jkolli noqgħod ninvolvi lill-awtorità ta' assistenza fil-pajjiż ta' appartenenza tiegħi)?

Iva.

L-awtorità/awtoritajiet tal-kumpens, b'liema lingwa/i taċċetta/jaċċettaw:

- it-talba? Bil-Franċiż, bl-Olandiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż
- id-dokumenti ta' sostenn? Bil-Franċiż, bl-Olandiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż

Jekk l-awtorità tal-kumpens tittraduċi t-talba/id-dokumenti ta' sostenn minn

pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?

Din il-kwistjoni għadha ma qamitx u għadha qed tiġi kkunsidrata.

Hemm imposti amministrattivi jew imposti oħrajn li għandhom jitħallsu f'dan il-pajjiż għall-ipproċessar tat-talba tiegħi (li waslet minn pajjiż ieħor tal-UE)? Jekk iva, kif nista' nħallashom dawn?

Le.

Jekk jeħtieġ li nkun preżenti matul il-proċedura u/jew meta t-talba tiegħi tkun se tittieħed deċiżjoni dwarha, nista' niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi? Kif nista' nikklejmjahom? Lil min għandi nikkuntattja?

Le.

Niġi pprovdut b'interpretu, f'każ li jkun hemm bżonn li nkun preżenti fiżikament?

Le.

Ċertifikati mediċi maħruġin minn tobba fil-pajjiż ta' residenza tiegħi se jiġu aċċettati jew rikonoxxuti – jew is-saħħa/il-korriment tiegħi se jiġu eżaminati mill-esperti mediċi tagħkom stess?

Dan jiġi vvalutat mill-Kummissjoni abbażi tal-korriment u tal-gravità tal-korriment imġarrab mill-vittma.

Se niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi, jekk ikolli nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?

Le.

Kemm jieħdu żmien awtorità/korp bejn wieħed u ieħor biex jiddeċiedu dwar kumpens?

Bħalissa 18-il xahar. Il-proċedura hija l-istess għall-każijiet transfruntiera u għall-każijiet nazzjonali.

B'liema lingwa se nirċievi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi?

Bil-Franċiż, bl-Olandiż, bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż.

Jekk ma nkunx issodisfat bid-deċiżjoni, kif nista' nappellaha?

M'hemm l-ebda proċedura għall-appell tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Quddiem il-Kunsill Belġjan tal-Istat jista' titressaq biss rikors għal annullament (*Conseil d'Etat*).

Nista' nikseb għajjnuna legali (għajjnuna mingħand avukat) skont ir-regoli tal-pajjiż l-ieħor?

Le, il-Kummissjoni ma tinvolvi ruħha f'dan ir-rigward.

Hemm xi organizzazzjoni tal-appoġġ għall-vittmi f'dan il-pajjiż li tista' tgħinni nitlob il-kumpens f'każ transfruntier?

Hemm servizzi ta' appoġġ għall-vittmi li jistgħu jgħinu lill-vittmi jitolbu assistenza finanzjarja mingħand il-Kummissjoni.

L-appoġġ għall-vittmi huwa pprovdut mill-komunitajiet u mir-reġjuni tal-Belġju.

Għal aktar informazzjoni (b'mod partikolari dwar id-diversi servizzi approvati għall-għoti ta' assistenza), jekk jogħġbok żur is-siti web li ġejjin:

Il-Federazzjoni ta' Wallonja-Brussell: victimes.be

Il-Fjandri: slachtofferzorg.be

■ L-aħħar aġġornament: 14/01/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.